MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Numru. 480/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Nadia Lanzon)**

**V**

**Silvana Bugeja ta' 32 sena mart David Bugeja**
**u bint Carmelo Armeni u Doris nee Hili mwielda Pieta,**
**imwielda Pieta', fid-09/11/1972**
**u li toqghod 56, St John Street, Gharghur,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**19373 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Silvana Bugeja li giet akkuzata talli matul din is-sena 2004 kif ukoll is-sena l-ohra 2003 f'dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tieletskeda tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Barra minn hekk akkuzata wkoll talli matul dan ix-xahar ta' Novembru, 2004 kif ukoll matul din is-sena 2004 kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitlolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-llum.

Rat l-ammissjoni taghha kif registrata b'mod bikri mal-prezentata.

Rat ukoll l-applikazzjoni ta' l-artiklu 29 tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 5 ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985, l-artikolu 40A, 120A tal-Kap 31, l-artikolu 29 tal-Kapitlu 101, l-artiklu 31 tal-Kapitlu 9. Rat l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 u qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------